DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/1117

tal-24 ta' Ġunju 2019

li temenda d-Deċiżjonijiet 2007/305/KE, 2007/306/KE u 2007/307/KE fir-rigward ta' bidla tad-destinatarju tad-Deċiżjonijiet

(notifikata bid-dokument C(2019) 4523)

(It-test bil-Ġermaniż biss huwa awtentiku)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 dwar ikel u għalf modifikat ġenetikament ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 8(6) u l-Artikolu 20(6) tiegħu,

Billi:

(1) Id-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni 2007/305/KE ([2]), 2007/306/KE ([3]) u 2007/307/KE ([4]) li jistabbilixxu r-regoli dwar l-irtirar mis-suq tal-ibridu Ms1xRf1 (ACS-BNØØ4-7xACS-BNØØ1-4) taż-żrieragħ tal-lift, ta' ibridi taż-żrieragħ tal-kolza Ms1xRf2 (ACS-BNØØ4-7xACS-BNØØ2-5) u tal-kolza Topas 19/2 (ACS-BNØØ7-1) rispettivament, kif ukoll il-prodotti derivati minnhom huma destinati għal Bayer CropScience AG, ibbażata l-Ġermanja.

(2) Permezz ta' ittra bid-data tal-1 ta' Awwissu 2018, Bayer CropScience AG, ibbażata l-Ġermanja, talbet li l-Kummissjoni tittrasferixxi d-drittijiet u l-obbligi tagħha li jappartjenu għall-awtorizzazzjonijiet kollha tagħha u għal applikazzjonijiet pendenti għal prodotti modifikati ġenetikament, lil BASF Agricultural Solutions Seed US LLC, ibbażata fl-Istati Uniti. Permezz ta' ittra datata d-19 ta' Ottubru 2018, BASF Agricultural Solutions Seed US LLC ikkonfermat il-qbil tagħha ma' dan it-trasferiment u awtorizzat lil BASF SE, ibbażata l-Ġermanja, biex taġixxi bħala r-rappreżentant tagħha fl-Unjoni.

(3) L-implimentazzjoni tal-bidla mitluba teħtieġ emenda fid-Deċiżjonijiet 2007/305/KE, 2007/306/KE u 2007/307/KE fir-rigward tad-destinatarju ta' dawk id-Deċiżjonijiet.

(4) L-emendi proposti għad-deċiżjonijiet ta' awtorizzazzjoni huma ta' natura purament amministrattiva u ma jinvolvux valutazzjoni ġdida tal-prodotti kkonċernati.

(5) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Fid-Deċiżjoni 2007/305/KE, l-Artikolu 4 jrid jiġi emendat kif ġej:

"Bayer CropScience AG, Alfred-Nobel-Str. 50, D-40789 Monheim am Rhein" tiġi sostitwita b'"BASF SE, Carl-Bosch-Str. 38, 67063 Ludwigshafen, il-Ġermanja".

Artikolu 2

Fid-Deċiżjoni 2007/306/KE, l-Artikolu 4 jrid jiġi emendat kif ġej:

"Bayer CropScience AG, Alfred-Nobel-Str. 50, D-40789 Monheim am Rhein" tiġi sostitwita b'"BASF SE, Carl-Bosch-Str. 38, 67063 Ludwigshafen, il-Ġermanja".

([1]) ĠU L 268, 18.10.2003, p. 1.

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/305/KE tal-25 ta' April 2007 dwar l-irtirar mis-suq tal-ibridu Ms1xRf1 (ACS-BNØØ4-7xACS-BNØØ1-4) taż-żrieragħ tal-lift u prodotti dderivati minnu (ĠU L 117, 5.5.2007, p. 17).

([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/306/KE tal-25 ta' April 2007 dwar l-irtirar mis-suq tal-ibridu Ms1xRf2 (ACS-BNØØ4-7xACS-BNØØ2-5) taż-żrieragħ tal-lift u prodotti dderivati minnu (ĠU L 117, 5.5.2007, p. 20).

([4]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/307/KE tal-25 ta' April 2007 dwar it-tneħħija mis-suq tal-kolza Topas 19/2 (ACS-BNØØ7-1) u l-prodotti derivati tagħha (ĠU L 117, 5.5.2007, p. 23).

Artikolu 3

Fid-Deċiżjoni 2007/307/KE, l-Artikolu 3 jrid jiġi emendat kif ġej:

"Bayer CropScience AG, Alfred-Nobel-Str. 50, D-40789 Monheim am Rhein" tiġi sostitwita b'"BASF SE, Carl-Bosch-Str. 38, 67063 Ludwigshafen, il-Ġermanja".

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lil BASF SE, Carl-Bosch-Str. 38, 67063 Ludwigshafen, il-Ġermanja.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Ġunju 2019.

Għall-Kummissjoni
Vytenis ANDRIUKAITIS
Membru tal-Kummissjoni